MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 283/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli nhar-il Gimgha 10 ta' Frar 2006 biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Joseph Grixti minn Birzebbugia fil-pussess ta' hwejgu billi harat passagg li ghandu jedd jghaddi minnu fl-ghalqa ta' Salvun, kuntrada ta' Salvun, limiti ta' Birzebbugia, b'mod li qieghed jimpedih milli jaccedi ghall-ghelieqi tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati ta'

l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu sitt xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin skond l-artikolu 28A tal-kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Zahra pprezentat fl-14 ta' Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u f'kaz li l-appell odjern ma jigix milqugh, il-varjazzjoni tas-sentenza in kwantu ghall-piena peress illi gie kkundannat piena aktar minn dak permissibbli mil-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Joseph Zahra huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-ligi meta sabitu hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu; (2) il-piena ma tinkwadrax ruhha entro l-parametri tal-ligi.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi l-imputazzjoni tittratta specifikament il-kwistjoni li l-appellant harat il-passagg li fuqu l-kwerelant qed jippretendi jedd ta' moghdija. Jghid li jirrizulta minn hafna xhieda li kull sid u kull min kien jahdem l-art, kien jahdimha minn hajt sa hajt. Skond l-appellant, dan tacitament ifisser li jekk il-kwerelanti verament kienu jaccedu ghall-ghelieqi minn passagg fuq l-ghalqa ta' l-appellant, dan minn dejjem kien passagg limitat ghaz-zminijiet meta ma kienx mahrut. Ghalhekk, isostni l-appellant, il-qofol tal-kwistjoni legali huwa jekk wiehed ikunx qed jikser il-ligi meta jaghmel dak li dejjem sar fil-passat, u cioe` li, jekk kien jezisti dritt ta' passagg, dan kien limitat ghall-perijodi tas-sena meta l-art ma tkunx mahruta. Minghajr pregudizzju, l-appellant la mix-xiehda ta' Joseph Grixti u l-anqas minn dik ta' l-appellant ma jirrizulta li kien l-appellant li harat l-ghalqa minn hajt sa hajt, u l-anqas ma jirrizulta li Joseph Grixti kellem jew ra lill-appellant fl-10 ta' Frar 2006.

Dwar id-data ta’ meta allegatament l-appellant harat l-ghalqa, fix-xiehda tieghu quddiem il-perit tekniku Joseph Grixti qal: “Nhar-il 10 ta’ Frar 2006 rega’ harat il-passagg u b’hekk ma stajtx nghaddi.” Gaetano Grixti xehed: “Nhar-il 10 ta’ Frar 2006 kont ghaddej mill-passagg u l-imputat waqqafni u qalli: ‘Int trid tilghabha ta’ l-iblah?’ u jien staqsejtu: ‘Qieghed tilqaghni?’ u hu qalli: ‘Iva.’ Il-passagg dak in-nhar kien mahrut. Kif kien ma tistax tghaddi bl-ingenji.” L-appellant fix-xiehda tieghu kkonferma li fl-10 ta’ Frar 2006 mar ikellmu Gaetano Grixti u ghaddielu mill-mahrut. Fl-ebda istanza ma cahad li kien hu li kien harat l-ghalqa. Kwindi l-ilment ta’ l-appellant f’dar-rigward huwa bla bazi, peress illi ghalkemm huwa minnu li Joseph Grixti ma kellimx lill-appellant fl-10 ta’ Frar 2006, f’dik il-gurnata kien kellmu Gaetano Grixti (hu Joseph Grixti) u hemm sahansitra l-konferma ta’ l-appellant. Barra minn hekk huwa rrilevanti min harat l-ghalqa, peress illi anke jekk l-appellant qabbad terz biex jahratlu l-ghalqa, fl-ahhar mill-ahhar ir-responsabbilta` xorta taqa’ fuq l-appellant bhala l-mandanti.

Issa, tant l-appellant mhux qieghed jichad responsabbilta` ghall-hrit ta’ l-ghalqa, illi huwa qieghed jghid illi kull ma ghamel hu dak li kien isir minn min kien jahdem l-art qablu, cioe` li jahrat minn hajt sa hajt; u jekk il-kwerelanti ghandhom xi dritt ta’ passagg, dan huwa limitat ghal dawk il-perijodi fis-sena meta l-art ma tkunx mahruta.

Din il-kwistjoni pero` diga` giet ventilata fil-foro civili permezz ta’ azzjoni ta’ spoll inizjata minn Joseph u Gaetano Grixti kontra l-appellant. B’sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta’ Novembru 2002[1], l-eccezzjonijiet ta’ l-appellant (allura konvenut) gew michuda, inkluza dik l-eccezzjoni li kienet tghid illi l-allura konvenut ma kkommetta ebda spoll “ghajr li harat l-ghalqa li xtara ezattament kif kien ghamel l-awtur tieghu.” It-talbiet attrici gew milqugha u konsegwentement dik il-Qorti ddikjarat “li bl-ghemil tieghu li jimbarra l-hitan u xekkel il-moghdija li twassal ghar-raba ta’ l-atturi, l-istess imharrek

[1] **Joseph u Gejtu ahwa Grixti v. Joseph Zahra**, Cit. Nru. 2167/00JRM.

wettaq ghemil ta' spoll bi hsara ta' l-atturi", ikkundannatu biex sa zmien hmistax-il jum mid-data ta' dik is-sentenza "jerga' jqiegħed lill-atturi fil-pussess shih u bla mittiefes ta' l-imsemmija moghdija kif kienet qabel is-16 ta' Settembru 2000" u awtorizzat lill-atturi "biex jaghmlu huma, bi spejejz ta' l-imharrek, dak kollu mehtieg biex jergghu jiehdu lura l-pussess tal-moghdija, jekk kemm-il darba l-imharrek jonqos li jaghti lura l-pussess shih fiz-zmien moghti." Din is-sentenza giet appellata mill-allura konvenut, izda b'sentenza tat-2 ta' Dicembru 2005 il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata *in toto*. Minn qari ta' dik is-sentenza huwa evidenti li l-appellant rega' qajjem il-kwistjoni li huwa harat l-ghalqa kif kienet tinharat qabel. Fuq din il-kwistjoni ntqal hekk minn dik il-Qorti:

**"7. Huwa kollu inutli, u frankament jirrazenta anki d-disprezz, li l-konvenut jibqa' jinsisti li huwa harat l-ghalqa *de quo* min-naha sa ohra ghaliex fl-imghoddi hekk kien isir. Hawn si tratta ta' azzjoni possessorja istitwita minn parti li ppruvat li, fil-mument li gie kommess l-imblokk tad-dritt ta' passagg, hija kienet taghmel uzu minnu regolarment. Jekk il-konvenut deherlu li t-titlu tieghu kien jintitolah ghad-dritt esklussiv fuq l-ghalqa *de quo*, messu agixxa mod iehor skond il-ligi. Wiehed mir-ritratti esebiti mill-atturi (li sfortunatament ma gewx enumerati) juri bic-car li hemm dizlivell bejn ghalqa u ohra b'mod li xi forma ta' rampa bilfors kien hemm. Huwa inutli ghalhekk ghall-konvenut li jkompli jippersisti u jilghabha ta' l-ingenwu biex minghalih jezimi ruhu minn kull responsabbilta` dovuta ghall-agir illecitu da parti tieghu."**

Huwa evidenti illi, nonostante dik is-sentenza, l-appellant xorta baqa' jinsisti illi jahrat kif allegatament kienu jaghmlu ta' qablu. <u>Dan ma jistax jaghmlu</u> sakemm ma jigix deciz mod iehor fl-azzjoni petitorja li hemm bejn il-partijiet. Sadattant jrid joqghod ghal dak li gie deciz fl-azzjoni possessorja u jhalli libera l-medda tal-moghdija fuq l-art tieghu li twassal ghar-raba tal-kwerelant Joseph Grixti.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Dwar it-tieni aggravju l-appellant ghandu ragun. L-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi ghal piena ta’ prigunerija minn xahar sa tliet xhur ghal min jinstab hati tar-reat ta’ *ragion fattasi*. Inoltre l-*proviso* ta’ l-imsemmi artikolu 85(1) jiddisponi illi l-Qorti tista’, fid-diskrezzjoni taghha, taghti l-piena tal-multa minflok il-piena msemmija ta’ prigunerija. Jigifieri meta l-ewwel Qorti ddecidiet li timponi piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur sospizi ghal erba’ snin, hija marret oltre l-parametri tal-ligi u ghalhekk din il-Qorti sejra tiddisponi mod iehor.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant Joseph Zahra hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal erba’ snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ xahar u, a tenur ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9, din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------